# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 7**

**Avviz numru 1042/00/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta' assikurratrici estera CGU Insurance p.l.c. kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelo Muscat.**

**vs**

**Jose Cascun**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 t'Awissu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

**1. Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-12 t'Awissu 1999 go B'Kara meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru. ABF 524 imhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru GAD 282 proprjeta' ta' Carmelo Muscat, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;**

**2. Illi tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija u sebghajn Lira Maltin u seba' u tmenin centezmu (LM470.87,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;**

**3. Ikkundannat jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

**4. Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (LM15.00,0), ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 2000 u ta' Ittra Ufficjali ohra ipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat ir-risposta tal-konvenut datata s-7 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante l-eccipjent ma kienx responsabbli ghall-incident de quo;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-12 t'Awissu ta' l-1999 ghall-habta tan-12.30 p.m. u fih kienu involuti l-assigurat Carmelo Muscat li kien qed isuq vettura tal-marka Escort bin-numru ta' registrazzjoni GAD 282 u l-konvenut Jose Cascun li kien qed isuq il-vettura tal-marka Hyundai vann bin-numru ta' registrazzjoni ABF 524;**

2. **Illi l-post ta' l-incident kien proprju quddiem l-entratura tal-knisja ta' Santa Teresa minn Hal-Balzan ghall-Valley Road;**

3. **Illi l-imsemmi Carmelo Muscat kien qed isuq fid-direzzjoni lejn Triq il-Kullegg u ghalhekk isostni li xeghel l-'indicator' tieghu biex idur ghal din it-triq;**

4. **Illi hekk kif beda l-manuvra tieghu sema' "brake" u hass daqqa fuq il-vettura tieghu;**

5. **Illi l-vettura ta' dan Muscat intlaqtet minn wara kif jidher fl-iskizz formanti parti minn dan il-process;**

6. **Illi d-danni sofferti mill-assigurat Carmelo Muscat ammontaw komplessivament ghall-erba' mija u sebghin Lira Maltin u seba' u tmenin centezmu, (LM470.87,0), u ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' attrici nomine assigurattrici;**

7. **Illi pero' l-konvenut isostni li ma kienx ra l-vettura ta' Muscat tindika li ser tigi misjuqa lejn Triq il-Kullegg;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi nonostante l-kwistjoni ta' l-"indicator" jirrizulta li l-konvenut ippekka f'zewg affarijiet li din il-qorti taghti importanza kbira fic-cirkostanzi;**

**1. Illi l-konvenut kien missu kien prudenti ferm fis-sewqan tieghu u ghalhekk kellu jzomm id-debita distanza l-boghod mill-vettura li qed tipprecedieh;**

**2. Illi in oltre, l-istess prudenza kienet titlob velocita' bizzejjed minnhu li jkun jista' jikkontrolla d-distanza f'kaz ta' xi manuvra pjuttost azzardata;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi di piu` ma jirrizultax li hemm prova li l-assigurat Muscat ma xeghelx l-'indicator" tieghu kif minnhu allegat;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi konvinta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in dizamina u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Jose Cascun unikament responsabbli ghall-incident de quo;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine f'dak ta' erba' mija u sebghin Lira Maltin u seba' u tmenin centezmu, (LM470.87,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut fuq indikat biex ihallas lis-socjeta' attrici nomine fuq indikata l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi sa mid-data ta' l-ittra ufficcjali tal-11 ta' Frar tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**